# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O.  PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR.  IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR.  IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 1**

**Citazzjoni Numru 1041/06 RCP**

**Maurice Meli Bugeja u Gladys Sant Fournier**

**v.**

**Francis Vella, il-Kummissarju tal-Pulizija, u Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, it-tnejn tal-aħħar għal kull interess li jista' jkollhom**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Francis Vella mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April 2012 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ċaħdet jew illimitat it-talbiet tal-atturi u tirrevokaha għall-kumplament b'mod li tiċħad l-istess talbiet fit-totalita` tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

“**Il-Qorti,**

“**I. PRELIMINARI.**

“Rat ir-rikors guramentat ta’ Maurice Meli Bugeja u Gladys Sant Fournier datat 20 ta’ Novembru 2006 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

“Illi fl-iljieli ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Marzu u bejn il-25 u 26 ta’ Marzu 1993, l-esponenti sofrew serqiet ta’ diversi oggetti mobili li taghhom huma l-unici proprjetarji liema oggetti insterqu mill-fond maghruf bhala Il-Palazz Wardija limiti ta’ San Pawl il-Bahar.

“Illi dawn l-oggetti gew misjuba mill-Pulizija fil-pussess tal-intimat Francis Vella u l-Pulizija elevaw l-istess oggetti - flimkien ma’ oggetti ohra proprjeta’ ta’ terzi – liema oggetti gew esibiti fl-atti tal-kawsa fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Daniel Gatt) vs Francis Vellu” u gew iddepozitati fil-kantina tal-bini tal-Qorti l-Belt Valletta taht l-awtorita` tal-intimat Registratur tal-Qrati Civil u Tribunali.

“Illi l-imsemmija proceduri kriminali gew finalment decizi fit-30 ta’ Ottubru 2001 - Appell Kriminali numru 264/92;

“Illi permezz ta’ citazzjoni pprezentata f’din il-Qorti fit-3 ta’ April 1997 fl-ismijiet “Maurice Meli Bugeja pro et noe et vs Francis Vella et” - citaz numru 480/97AJM, l-atturi - esponenti f’ dan il-kaz talbu illi l-istess Qorti kellha tiddikjara u tiddeciedi li l-oggetti mobili kollha indikati fid-dokument “A” anness mac-citassjoni - kif ahjar dettaljati fil-lista dokument “AMB” ipprezentat mill-esponenti fis-17 ta’ 2000 - flimkien ma’ dawk l-oggett l-ohra li setghu jirriziultaw waqt it-trattazzjoni tal-istess kawza huma ta’ proprjeta’ esklusiva tal-esponenti u konsegwentement talbu Illi l-istess Qorti kellha tikkundanna lill-konvenuti - intimati f’ dan il-kas - sabiex jikkonsenjaw lura lill-esponenti l-imsemmija oggetti mobili.

“Illi b’sentenza moghtlja minn din il-Qorti fis-26 ta’ Jannar 2001, din il-Qorti ddikjarat u ddecidiet illi l-atturi esponenti odjerni - huma proprjetarji tal-oggetti kollha elenkati fil-listi fuq imsemmija hlief ghal hames oggetti indikati fl-istess sentenza li fuqhom kien hemm talbiet konfiggenti minn terzi persuni li ma kienux parti fl-istess kaz.

“Illi l-intimat Francis Vella appella mill-imsemmija sentenza u permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta’ April 2004 - Dok “A” - l-istess Qorti cahdet l-appell tal-konvenut Francis Vella u kkonfermat is-sentenza msemmija tal-Prim’ Istanza.

“Illi wara d-decizjoni fuq imsemmija, l-esponenti irnexxielhom jirtiraw mill-edificju tal-Qorti l-maggorparti tal-oggetti mobili proprjeta’ taghhom u cioe` dawk indikati fil-listi fuq imsemmja pero` ghad baqa’ fil-kustodja tal-istess Qorti disa’ oggetti mobili ta’ proprjeta` taghhom li, erronjament u minhabba l-kwantita’ ta’ oggetti misruqa, ma kienux gew indikati b’mod specifiku fl-istess imsemmija listi originali.

“Illi l-imsemmija disa’ oggetti huma s-segwenti:

““DG 24” - vazun (medicine jar) tal-Majolica,

““DG 38” - vazun (medicine jar) tal-Majolica,

““DG 34” - mensola tal-fajjenza blu bl-abjad,

““DG 35” - arlogg tal-fajjenza blu bl-abjad li joqghod fuq il-mensola msemmija,

““DG 44” - arlogg forma ta’ arpa tal-kewba u bronz dorat,

““DG 211” - flixkun tal-Majolica abjad bin-numru 1131 pingut fuqu bil-blu.

“L-oggetti fuq imsemmija huma kollha indikati fir-ritratti hawn annessi bhala dokument “B”.

““DG 364” - arlogg bil-mensola - kewba u bronz,

““DG 85” - arlogg tal-hajt kwadru,

““DG 61” - arlogg ornamentali tal-hajt.

“L-ahhar tliet oggetti huma Ikoll indikati fir-ritratti hawn annessa dokument “C”.

“Illi fil-11 ta’ April 2006, l-esponenti baghtu ittra ufficjali lit-tliet intimati fuq imsemmija fejn l-istess intimati gew - interpellati “inter alia”, sabiex, fi zmien gimgha jikkonsenjawlhom ‘il fuq imsemmija oggetti.

“Illi l-imsemmija ittra ufficjali - li kopja ufficjali taghha qieghda tigi hawn annessa bhala dokument “D” giet debitament notifikata lit-tliet intimati, li pero’ baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir l-prezenti procedura.

“Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

“1. Tiddikjara illi l-oggetti mobili kollha fuq msemmija fil-paragrafu 8 u indikati fid-dokumenti “B” u “C” huma ta’ proprjeta’ esklusiva tal-esponenti.

“2. Tordna, ghalhekk lill-istess intimati sabiex jikkonsenjaw lura lill-esponenti l-imsemmija oggetti mobili.

“Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ April 2006, kontra l-intimati - jew min minnhom - li huma ingunti ghas-subizzjoni.

“Salv kull dritt tal-esponenti ghad-danni.

“Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 21 tal-process.

“Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta’ Marzu 2007.

“Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali datata 17 ta’ Jannar 2007 a fol 28 tal-process fejn eccepixxa: -

“1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija monka u nulla fil-konfront tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, *stante* illi l-azzjoni giet intavolata kontra entita’, ossija Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, li ma huwiex aktar kkontemplat fil-Ligi, u ghalhekk id-Direttur, Qrati Civiii u Tribunali ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, *stante* illi *ai termini* tal-Avviz Legal 139 tas-sena 2004, il-mansjonijiet tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali huwa purament fil-proceduri civili, filwaqt illi l-ilment formanti l-bazi kollu tal-proceduri odjerni huwa proceduri kriminali li kienu nbdew wara serq fid-dar tar-rikorrent, liema proceduri huwa unikament proceduri kriminali u ma jaqawx taht id-dmirijiet tal-esponent fl-avviz legali fuq isemmi kif ukoll fl-**Avviz Legali 138 tas-sena 2004** intitolat ‘**Regolamenti tal-2004 dwar il-Procedura Kriminali’.**

“3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent qatt ma jista’ jigi ordnat jirritorna oggetti illi ma humiex fil-pussess tieghu.

“4. Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali a fol 29 tal-process.

“Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali a fol 48 tal-process.

“Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 18 ta’ Jannar 2007 a fol 32 tal-process fejn espona:-

“1. Illi *in linea* preliminari huwa m’huwiex il-legittimu kontradittur ghall-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-atturi *stante* li kif ammess mill-atturi stess, l-oggetti kollha elevati mill-esponent minghand il-konvenut Franciz Vella gew esibiti fl-atti tal-kawza Kriminali 264/92 **“Il-Pulizija vs Francis Vella”** bil-konsegwenza li minn dak il-mument il-kura, kustodja u responsabbilta’ tal-oggetti kollha ghaddiet esklussivament ghand ir-Registratur tal-Qorti. (sentenza **Martin Cachia vs Kummisarju tal-Pulizija** 783/00 deciza mill-Qorti tal-Appell fis- 7 ta’ Lulju 2006).

“2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost l-atturi jridu jgibu prova tat-titolu taghhom fuq l-oggetti kollha mertu tal-kaz odjern.

“3. Illi almenu fil-konfront tal-esponent il-pretensjonijiet tal-atturi huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li *in vista* tas-suespost l-esponent m’ghandu fil-pussess tieghu ebda oggett li jista’ jikkonsenja lill-atturi u ghalhekk ma jirrispondix ghal danni.

“4. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent m’ghandux ibati spejjez.

“5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti flimkien mal-lista tax-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija a fol. 34 u 35 tal-process.

“Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Francis Vella ID 441039M u Doris Vella ID 13741M datata 26 ta’ Jannar 2007 a fol. 37 tal-process.

“1. Illi l-allegazzjonijiet maghmula jimputaw lill-esponenti Francis Vella u lil Doris Vella li l-oggetti gew ghandhom b’reat, meta fil-fatt l-istess Francis Vella kien liberat dwar il-pussess tal-oggetti elenkati, u martu qatt ma giet akkuzata u ghalhekk illum kull azzjoni hija kriminalment preskritta. Illi *stante* li din il-Qorti m’ghandhiex kompetenza kriminali ma tistax tiehu konjizzjoni ta’ allegazzjonijiet ta’ natura kriminali.

“2. Illi civilment hemm ir-*res judicata*, u dan anke skont is-sentenza esebita mill-atturi tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta’ April 2004.

“3. Illi fil-mertu l-oggetti in kwestjoni huma tal-atturi, akkwisiti legittimament.

“Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda tal-konvenuti Francis u Doris Vella a fol 37 u 38 tal-process.

“Rat il-verbal tas-seudta mizmuma fit-8 ta’ Marzu 2007 fejn meta ssjehet il-kawza deher Dr. Joseph Brincat ghall-konvenut Vella u Dr. Francesco Deqasquale ghar-Registratur tal-Qorti. L-atturi msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Id-difensuri taghhom imsejhin diversi drabi baghdu ma dehrux. Il-kawza giet differita *sine die*.

“Rat ir-rikors tal-attur datata 12 ta’ Marzu 2007 a fol 42 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza odjerna ghal data ohra u titpogga fuq il-lista tas-smigh; u l-Qorti, wara li rat in-nota datata 22 ta’ Marzu 2007, u nota ohra datata 20 ta’ April 2007 innominat bhala Perit Legali lil Dr Vincent Galea sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollox a spejjez provizorjament attrici (fol. 55) u gie dirett li jiffissa tliet seduti ghall-konkluzjoni tal-provi attrici, u appuntat il-kawza ghar-rapport ghall-14 ta’ Novembru 2007.

"Rat ir-rikors ta' Maurice Meli Bugeja et datata 31 ta' Lulju 2007 a fol 62 tal-process fejn talab lil Qorti joghgobha tordna l-korezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza u kull fejn tirrikorri billi minflok Registratur tal-Qrati Civili u Tribunal kif fuq imsemmi, ir-Registratur imharrek ghandu jigi indikat bhala 'Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali'; u l-Qorti, wara li rat il-*visto* tal-kontro-parti datata 31 ta' Lulju 2007 laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni rikjesta kif jidher bid-digriet moghti fid-9 ta' Awwissu 2007.

"Rat ir-rikors ta' Maurice Meli Bugeja et datat 10 ta' Lulju 2007 a fol 65 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza numru 480/97/AJM u tawtorizza lill-Perit Legali l-Avukat Vincent Galea sabiex jirtira wkoll l-istess atti u b'hekk ikun jista' jipprocedi ahjar bl-inkarigu moghti lilu liema talba giet milqugha b'digriet moghti fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2007.

"Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta' Novembru 2007 fejn Dr. Joseph Brincat ghal kull buon fini tal-ligi ta ruhu b' notifikat ghall-konvenut Francis Vella prezenti bil-mozzjoni tar-riappuntament. Il-Qorti nnotat li l-istess Francis Vella kien effettivament notifikat bl-avviz tas-smigh fl-10 ta' Lulju 2007. *In vista* ta' dan Dr. Brincat irtira l-oggezzjoni tieghu ghar-rikors tal-10 ta' Lulju 2007. *In vista* ta' dan il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni tal-atti Citazzjoni 480/97/AJM.

"Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata 16 ta' Gunju 2009 a fol 80 ta-process.

"Rat ir-rikors tal-konvenuti Francis Vella et datat 3 ta' Lulju 2009 sabiex din il-Qorti tissospendi l-proceduri odjerni sakemm tigi deciza l-kawza kostituzzjonali li r-rikorrenti qalu li pprezentaw sabiex jattakkaw is-sentenzi msemmija f'din il-kawza u l-Qorti wara li rat ir-risposta tal-atturi cahdet it-talba b'digriet datat 11 ta' Lulju 2008 (fol. 93).

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 10 ta' Lulju 2009 a fol 82 tal-process.

"Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea pprezentat fir-registru fl-14 ta' Gunju 2011 u mahluf fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2011, liema rapport jinsab esebit a fol 105 tal-process.

"Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Francis Lanfranco ghall-attur, Dr. Joseph Brincat ghall-konvenut, Dr. Noel Bartolo ghar-registratur tal-Qrati u l-Perit Legali Dr. Vincent Galea. Dr. Lanfranco rrimetta ruhu, Dr. Brincat talab jaghmel nota ta' kritika. Dr. Bartolo ghandu jipprezenta nota fi zmien ghoxrin (20) gurnata zmien minn dan il-verbal sabiex jindika jekk l-oggetti li kellhom jigu ritornati skont ir-rapport, gewx effettivament ritornati. Il-Qorti pprefiggiet terminu lil Dr. Joseph Brincat sabiex sal-15 ta' Jannar 2012 jipprezenta l-istess nota ta' kritika bin-notifika *visto* lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom sal-15 ta' Marzu 2012 ghall-presentata tan-nota responsiva, tali termini huma perentorji. Il-kawza giet

differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' April 2012. Aktar tard dehret Dr. Nadya Fiott ghall-Kummissarju tal-Pulizija li hadet konjizzjoni tal-verbal tallum.

"Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **"Maurice Meli Bugeja proprio et nomine vs Francis Vella et"** deciza fis-26 ta' Jannar 2001 kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' April 2004.

"Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

"Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

"Rat id-dokumenti esebiti.

"Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

"**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

"Illi permezz ta' dawn il-proceduri, l-atturi qeghdin jirrivendikaw il-proprjeta tas-segwenti oggetti:

"i. DG 24 – vazun (medicine jar) tal-Majolica;
"ii. DG 34 – mensola tal-fajjenza blu bl-abjad;
"iii. DG 35 – arlogg tal-fajjenza blu bl-abjad li joqghod fuq il-mensola msemmija;
"iv. DG 38 – vazun (medicine jar) tal-Majolica;
"v. DG 44 – arlogg forma ta' arpa tal-kewba u bronz dorat;
"vi. DG 61 – arlogg ornamentali tal-hajt;
"vii. DG 85 – arlogg tal-hajt kwadru;
"viii. DG 211 – flixkun tal-Majolica abjad bin-numru I131 pingut fuqhu bil-blu;
"ix. DG 364 – arlogg bil-mensola – kewba u bronz;

"Illi minn naha taghhom il-konvenuti konjugi Vella ecceppew li kien hemm *res judicata* u dan ghaliex kien hemm is-sentenza deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell datata16 ta' April, 2004 fl-ismijiet **"Maurice Meli Bugeja pro et noe et vs Francis Vella et"** (Citaz. Nru.480/97/AJM).

"Illi skond l-**artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-eċċezzjoni tar-*res judicata* għandha dejjem tiġi deċiża b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. Jekk dan ma jsirx, din l-ommissjoni ġġib in-nullità tas-sentenza (ara s-sentenza fl-ismijiet **"Paolo Azzopardi v. Paolo Abela nomine"** (A.K. - 10 ta' Diċembru, 1954).
Illi f'dan il-kaz l-atturi qeghdin jitolbu li l-Qorti tiddikjarahom bhala sidien ta' l-oggetti indikati minnhom fir-rikors mahluf taghhom. L-istess atturi kienu ipprocedew b'kawza numru 480/97/AJM u talbu ukoll f'dik il-kawza li l-Qorti tiddikjara li huma s-sidien tal-oggetti mobbli indikati fid-dokument "A" u ta' oggetti ohrajn li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"Illi jirrizulta li whud mill-oggetti elenkati fil-kawza odjerna diga gew elenkati u imsemmija fil-kawza 480/97/AJM. Dawn l-oggetti huma dawk immarkati bhala DG 35, DG 44 u DG 61 u dawn konsistenti f'arlogg tal-fajjenza blu bl-abjad li joqghod fuq il-mensola msemmija; arlogg forma ta' arpa tal-kewba u bronz dorat; u arlogg ornamentali tal-hajt.

"Illi fl-istess decizjoni din il-Qorti diversament presjeduta datata 26 ta Jannar, 2001, kif imbaghad konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tas-16 ta' April, 2004 qalet illi "*dawn l-oggetti gew reklamati mill-familja Ellis*" u imbaghad ghaddiet biex tiddikjara illi "*Naturalment din il-Qorti ma tistax, fic-cirkostanzi, tilqa t-talbiet attrici fir-rigward ta' dawn il-hames items stante ukoll li l-konjugi Ellis mhux parti f'din il-kawza u ghalhekk ma tistax tigi ezaminata sewwa l-pretensjoni ta' kull parti*" (fol. 148 tal-process 480/97/AJM). Il-Qorti qalet hames *items* ghax f'dik il-kawza kien qieghed jintalab ir-ritorn, fost affarijiet ohra, ta' l-indikati hames oggetti. F'din il-kawza qed jintalab ir-ritorn ta' tlieta minn dawk il-hames *items* (dawk indikati hawn fuq).

"Illi ghar-rigward ta' l-*items* l-ohra mitlubin (apparti t-tlieta hawn fuq imsemmija) li qieghed jintalab ir-ritorn taghhom f'dawn il-proceduri u cioe':-

"i. DG 24 – vazun (medicine jar) tal-Majolica;
"ii. DG 34 – mensola tal-fajjenza blu bl-abjad;
"iii. DG 38 – vazun (medicine jar) tal-Majolica;
"iv. DG 85 – arlogg tal-hajt kwadru;
"v. DG 211 – flixkun tal-Majolica abjad bin-numru I131 pingut fuqu bil-blu;
"vi. DG 364 – arlogg bil-mensola – kewba u bronz;

"Illi b'hekk jirrizulta li:-

"(a) l-atturi diga kienu talbu r-ritorn ta' l-item DG 85;

"(b) l-atturi qatt ma talbu li jigu ritornati lilhom l-items indikati bhala DG 38, DG 211 u DG 364;

"(c) ghalkemm l-ittri u n-numri DG 24 u DG 34 huma indikati fil-lista pprezentata mill-atturi fis-17 ta' Novembru, 2000 f'dawk il-proceduri (ara fol. 133 fic-Citazz. Nru. 480/97/AJM) l-items ma humiex identici. Fil-proceduri odjerni, DG 24 huwa "*vazun (medicine jar) tal-Majolica*" u DG 34 huwa "*mensola tal-fajjenza blu bl-abjad*", mentri fil-proceduri 480/97/AJM DG 24 hija "*mirror (2)*" u DG 34 hija "*mirror small – No. 312*".

"Illi ghalhekk, hawn ghadna kaz fejn qeghda issir l-istess talba ghar-rigward ta' l-items: DG 35, DG 44, DG 61 u DG 85.

"Illi fis-sentenza **"Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby et"** (P.A. - 28 ta' Marzu, 2003) ingħad illi: "*Eċċezzjoni bħal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt iżda hija waħda ta' natura prettament ġuridika. Huwa importanti però, u għandu jinżamm dejjem in mira, illi l-prinċipji legali involuti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-ġurisprudenza stabbilita in materja iżda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-każ taħt diskussjoni u tal-portata tas-sentenza preċedenti...*"

"Illi ingħad ukoll, u l-ġurisprudenza tgħallem illi tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni oħra tiġi ribadita l-enunċjazzjoni kaptata mid-deċiżjoni fl-ismijiet **"Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et**" (A.K. - 5 ta' Novembru, 1934 u dana fis-sens illi l-"*exceptio rei judicatae*" għandha bħala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll għaliex "*interest rei pubblicae ut sit finis litiu*". Sentenza illi għaddiet in ġudikat, jiġifieri ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma tajba u sewwa u tal-ħaqq – "*res judicata pro veritate habetur*" – jiġifieri l-fundament ta' l-"*actio*" u ta' l-"*exceptio judicat*" hija preskrizzjoni legali u għalhekk hija ta' "*strictissimae interpretationis*".

"Illi mbagħad fis-sentenza fl-ismijiet **"Charles Cortis v. Francis X. Aquilina et"** (P.A. - 25 ta' Settembru, 2003), ġie riaffermat illi: "*Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex dan iseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem kawża petendi). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est).*"

"Illi ma hemmx dubju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilità ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilità ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat. Minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni (**"Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et"** A.K. - 5 ta' Novembru, 1934).

"Illi min-naħa l-oħra dan il-prinċipju huwa bilanċjat b'dak ieħor daqstant importanti li, fejn kwistjon li tkun ġiet definita u trattata, is-sentenza issir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfemata; jew jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien illi tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka dik is-sentenza. Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża jkun diġà jeżisti fil-waqt illi tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża.

"Illi għalhekk isegwi li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha

(fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza; fuq dan il-punt ingħad diversi drabi li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi ta' l-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-*causa petendi* fit-tieni provvediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat.

"Illi wkoll fis-sentenza suċċitata **"Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby et"** (P.A. (PS) - 28 ta' Marzu, 2003, ingħad illi sakemm ma jkun hemm ebda deċiżjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx ġiet prekluża minn ebda deċizjoni definittiva mogħtija mill-ġudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deċiża, u ma jistax mill-parti l-oħra jingħad li għad-deċiżjoni josta l-ġudikat. Dan ifisser li l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tiġi ammessa b'ċirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eċċezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bħal meta si tratta minn inċident proċesswali li jqum fil-kors tal-ġudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjaħ il-ġudikat, hemm bżonn li l-kwistjoni tkun ġiet "effettivament" deċiża bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setgħet tiġi deċiża.

"Illi għal dak illi jirrigwarda l-element ta' l-"*eadem res*" ingħad illi din "*tinkorpora li l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida hu identiku għat-talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza li għaddiet in ġudikat.*" (**"Rabat Construction Limited vs Cutajar Construction Limited"** – P.A. (RCP) – 9 ta' Jannar 2002).

"Illi l-bażi ta' dan ir-rekwiżit hija fis-sens illi sentenza li tikkostitwixxi ġudikat ma tistax timpedixxi talba ġdida milli tiġi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiża sabiex tottjeni xi ħaġa differenti għal dak li kien ipprova jitlob b'talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi illi anke jekk l-oġġett ta' talba ġdida hu simili għal ta' deċiżjoni preċedenti, din is-similarità mhix ostaklu għal talba ġdida għaliex l-effetti ta' sentenza li tkun għaddiet in ġudikat huma limitati għal dak li kienu issottomettew il-partijiet u għal dak li jkunu ddeċidew il-Qrati.

"Illi għar-rigward tar-rekwiżit ta' l-*eadem causa petendi* din il-kondizzjoni tirrikjedi li "*the cause of the claim*" kontenuta fit-talba l-ġdida, tkun l-istess bħat-talba preċedenti u li ġiet deċiża minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Il-**Professur Caruana Galizia** f'**"*Notes on Civil Law*"** jispjega illi l-"*causa petendi*" hija "*the title on which the demand is based*". Illi għalhekk din hija t-titlu, ċjoè, il-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż hu bbażat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-"*eadem causa petendi*" tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuta fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'sentenza li għaddiet in ġudikat.

"Illi dwar l-element l-ieħor ta' l-"*eadem personae*" fis-sentenza fl-ismijiet **"Innocenza Debattista et v. Giovanna Farrugia"** (P.A. - 13 ta' Frar, 1958 - Vol. XLII. Pt II. P. 917), il-Qorti qalet illi biex ikun hemm ġudikat, jeħtieġ li s-sentenza ta' qabel kienet ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni. Illi dan però ma jfissirx illi l-promoturi ta'l-istess proċedura setgħu jipproponu mill-ġdid kawża identika bl-inseriment ta' persuna tagħhom li ma kenitx verament neċessarja mill-aspett legali.

"Illi applikati dawn il-prinċipji u enunċjazzjonijiet għall-fattispjeċe tal-każ odjern, l-esponenti jirrileva s-segwenti:

"(a) Illi s-sentenza tas-26 ta' Jannar, 2001 fil-parti disposittiva taghha tghid espressament illi "*Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi (a) tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Vella, (b) tichad l-ewwel, it-tielet u r-raba eccezzjonijiet tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u Registratur tal-Qorti, u (c) filwaqt li tilqa t-tieni eccezzjoni taghhom u cioe dik tal-intempestivita limitatament ghat-tieni talba attrici, tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi huma proprjetarji tal-oggetti kollha elenkati fil-lista annessa Dokument A, kif ahjar dettaljata fil-lista Dokument AMB presentata fis-17 ta' Novembru, 2000, hlief ghal dawk l-oggetti indikati bhala DG-7, DG-35, DG-42, DG-44 u DG-61, dwar liema mhux sejra tippronunzja ruhha billi hemm talbiet konfliggenti fuqhom minn terzi persuni li ma humiex f'din il-kawza, u tirrizerva kull dritt spettanti lill-atturi si et quatenus fuq dawn l-oggetti. Fl-ahharnett tichad it-tieni talba attrici billi intempestiva*" (fol. 149 tac-Citazz. Nru. 480/97/AJM).

"(b) Illi dan ifisser li dik il-Qorti mhux talli ma ppronunzjatx ruhha dwar l-*items* DG 35, DG 44, DG 61 talli rrizervat id-drittijiet ta' l-atturi *si et quatenus*. Ghalhekk mhux il-kaz li din l-eccezzjoni tintlaqa fir-rigward ta' dawn l-oggetti.

"(c) Illi fir-rigward ta' l-*item* immarkat bhala "DG 85", din l-eccezzjoni tal-konvenuti pero ghandha mis-sewwa u din l-Qorti ghandha tiddikjara li diga inghatat decizjoni fuq dan l-oggett. Dan wara li l-Qorti kkonstata li l-"*eadem personae*", l-"*eadem res*" u l-"*eadem causa petendi*" huma l-istess fiż-żewġ kawżi, u cioe dik odjerna u dik fil-kawza bin-numru tac-citazzjoni 480/97/AJM.

"Illi jirrizulta li Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Vella hija fis-sens li din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza kriminali u ma tistax tiehu konjizzjoni ta' allegazzjonijiet ta' natura kriminali. Il-konvenuti ma ghandhomx ragun f'din l-eccezzjoni taghhom. Ma ghandhomx raguni ghas-semplici fatt illi f'din il-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni minn din il-Qorti li huma proprjetarji tad-disa' oggetti indikati minnhom fir-rikors mahluf taghhom. L-atturi ma humiex jitolbu lil din il-Qorti li tiddikjara xi tip ta' htija. Qed jitolbu li bhala Qorti Civili tiddikjara li huma s-sidien ta' l-oggetti msemmija minnhom. Dan il-hsieb huwa ukoll konformi ma dak li qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"Francis Vella vs l-Avukat Generali"** deciza fil-25 ta' Mejju, 2010.

"Illi t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Vella hija li "*l-oggetti in kwistjoni huma tal-atturi, akkwistati legittimament*". In sostenn ta' dan l-argument, il-konvenuti jaghmlu referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta l-Appell Kriminali li filwaqt li stqarret li l-konvenut Francis Vella huwa hati ta' ricettazzjoni, huwa kien hati ta' dan ir-reat biss fil-konfront ta' oggetti gejjin (a) minn serq mill-Knisja tal-Kuncizzjoni, Bormla u (b) minn zewg serqiet mill-fond "Aedeas Danielis" u mill-Kappella tal-Madonna tal-Bon Kunsill, Zejtun. Oltre dan, l-istess konvenuti konjugi Vella u x-xhieda minnhom mressqa, lkoll jghidu li Francis Vella huwa bniedem li jikkollezzjona l-antikitajiet u ilu hekk jikkollezzjona sa mis-sittinijiet (1960's). Meta gie mistoqsi fis-seduta tat-12 ta Marzu, 2008 dwar l-oggetti reklamati mill-atturi fir-rikors mahluf odjern, il-konvenut Francis Vella jghid illi "*Dawn l-oggetti jiena kont xtrajthom minghand is-Sur Guze Schembri imlaqqam ta' l-Ghajn u dan fin-1967 u parti ohra minghand Casolani. Kont xtrajthom bl-ircevuti u dawn l-ircevuti tilfuhomli l-pulizija*". B'mod partikolari jghid illi DG 24, DG 34, DG 35, DG 38, DG 44 u DG 211 xtrahom minghand l-ahwa Casolani filwaqt li DG 85 xtrah minghand s-Sur Guze Schembri. Ghar-rigward ta' DG 61 u DG 364 huwa jghid li ma jafx minghand min xtrahom ghax ghandu hafna arloggi.

"Illi minn naha taghhom l-atturi jghidu li l-oggetti msemmija minnhom fir-rikors mahluf huma taghhom u li kienu fid-dar taghhom qabel ma saru s-serqiet tal-15 u 16 ta' Marzu, 1983 u 25 u 26 ta' Marzu, 1983. Anna Meli Bugeja sahansitra tghid, fl-affidavit taghha "*ghadna ukoll ritratti qodma fejn dawn l-oggetti jidhru ukoll fid-dar taghna qabel ma ttiehdu minn hemm*". Dawn ir-ritratti qodma huma dawk esebiti mill-imsemmija Anna Meli Bugeja fis-seduta ta' l-24 ta' April, 1998 immarkat bhala Dok. "ABM 1" (fol. 22 et seq tal-process 480/97/AJM). Huwa fil-fatt minnu li whud mill-oggetti msemmija mill-atturi odjerni fir-rikors mahluf taghhom verament jidhru fir-ritratti antiki esebiti fil-proceduri l-ohra (480/97/AJM).

"Illi l-atturi jghidu wkoll li din il-Qorti diga kellha okkazzjoni fejn tiddikjara li oggetti li kienu instabu ghand il-konvenuti kienu proprjeta taghhom u in sostenn ta' dan l-argument, huma jaghmlu referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 2001 kif ikkonfermata bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' April, 2004.

"Illi din il-Qorti thoss li a bazi tal-principju mhaddan fil-kamp civili tal-bilanc tal-probabilita' hija taqbel ma' l-atturi li dawn l-oggetti riklamati minnhom fir-rikors promotur huma proprjeta taghhom u mhux tal-konvenuti konjugi Vella. Hemm wisq affarijiet li jimmillittaw kontra l-konvenut f'dawn il-proceduri u fosthom din il-Qorti tirriferi ghall dak li qal l-abbli Perit Legali Dr. Vincent Galea f'dan ir-rigward u cjoe':-

> *"(1) "Per ezempju huwa jghid li ma "niftakarx li hemm xi sentenzi civili maqtugha kontrija, u li gew mibdija mill-atturi f'din il-kawza, mill-familja Ellis u mill-familja Testaferrata Bonici". Kif jista l-konvenut jghid dan meta hemm tlett (3) sentenzi li fihom huwa kien konvenut u li gew decizi mill-Qorti ta' l-Appell erba' (4) snin biss qabel ma xehed".*

> *"(2) "Punt iehor li jimmillita kontra l-konvenuti huwa l-fatt li huwa ma ghamilx kawza kontra l-Kummissarju tal-Pulizija biex jirrekklama d-danni ghall-allegatti ricevuti li huwa jghid li kien tilifu. Ghamillu kawza ghad-danni ghan-nuqqas ta' diversi oggetti prezzjuzi li kienu taht il-kontroll tal-pulizija u li qatt ma gew esebiti jew ritornati lilhom. Fir-rejalta, il-Pulizija esebew l-oggetti kollha salv ghas-salib tad-deheb li intilef waqt li dan fil-kustodja tal-Pulizija.*
>
> "(3) "*Ukoll, huwa bil-wisq difficli biex l-esponenti* (u l-Qorti) *jemmen lill-konvenuti meta dawn jghidu li l-oggetti huma taghhom meta diga kien hemm tlett sentenzi jiddikjaraw li hafna mill-oggetti elevati mill-pussess tal-konvenuti mill-pulizija kienu ta' nies ohra, inkluz dawk ta' l-atturi odjern.*

"Illi ghalhekk, mill-assjem tal-provi, il-Qorti thoss li l-atturi stabbilew fuq bazi ta' probabilita li l-oggetti imsemmija minnhom fir-rikors mahluf huma taghhom.

"Illi dwar l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti jinghad li b'digriet datat 9 ta' Awissu, 2007 din il-Qorti kienet laqghet it-talba ta' l-atturi sabiex il-kliem "*Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali*" jigu sostitwiti bil-kliem "*Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali*". Ghalhekk in vista ta' dan id-digriet, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur, Qrati Civili u Tribunali, issa Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali qed tigi michuda.

"Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali hija fis-sens illi "*... l-ilment formanti l-bazi kollu tal-proceduri odjerni huwa proceduri kriminali li kienu nbdew wara serq fid-dar tar-rikorrent, liema proceduri huwa unikament proceduri kriminali u ma jaqawx taht id-dmirijiet tal-esponent fl-avviz legali fuq imsemmi kif ukoll fl-Avviz Legali 138 tas-sena 2004 intitolat 'Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Procedura Kriminali*".

"Illi minn qari akkurat tar-**"Regolamenti dwar il-Procedura Kriminali" (Regolament tar-registri, arkivji u funzjonijiet tad-direttur generali tal-qrati u ufficjali ezekuttivi tal-qorti ohra)** u cioe l-**Avviz Legali 138 ta' l-2004** kif emendat bl-**Avviz Legali 47 ta' l-2008** u senjatament is-**sub-regolament (3) tar-regolament 3** wiehed jara li "*Ir-Registru tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali ta' Malta ghandu jkun taht ir-responsabbilta tar-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali*". Ghalhekk, galadarba l-oggetti mertu ta' dan il-kaz gew esebiti fil-proceduri kriminali **"Il-Pulizija (Supt. Daniel Gatt) vs Francis Vella"** u gew effettivament u fizikament depozitati taht l-awtorita tal-Qorti, hija din l-Awtorita' li ghandha access ghar-registru tal-qrati kriminali u ghalhekk, il-presenza tieghu f'dawn il-proceduri hija mehtiega u necessarja.

"Illi t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali hija fis-sens li "*... l-esponent qatt ma jista jigi ordnat jirritorna oggetti illi ma humiex fil-pussess tieghu*". Din l-eccezzjoni ukoll ma tistax tintlaqa. Dan ghaliex:

“(a) meta xehed is-Supretendent Gatt quddiem din il -Qorti, kif diversament preseduta fil-kawza bic-Citazz. Nru. 480/97/AJM huwa qal illi l-oggetti li gew elevati mill-proprjeta tal-konvenut Francis Vella gew esebiti u depositati fil-Qorti (ara fol. 61 tal-process 480/97/AJM).

“(b) Stephen Sant Fournier, in-neputi tar-rikorrenti Maurice Meli Bugeja jghid illi: “*Jiena personalment, ghan-nom tal-mama tieghi, mort diversi drabi fil-kantina tal-Qorti sabiex nirtira l-oggetti in kwistjoni u meta qabbilna l-lista ma l-istess oggetti, irrejalizzajna illi kien hemm xi oggetti li ma kienux elenkati fl-istess lista u li ghalhekk ahna ma stajniex nirtiraw. Qieghed nigi muri d-dokumenti B u C annessi mac-citazzjoni numru 1041/06/RCP u qieghed naghraf l-oggetti proprjeta tal-familja taghna li ghadhom fil-kantina tal-Qorti. Dawn ir-ritratti hadthom jien stess u qabbilthom ma ritratti ohra antiki li ghadna li juru l-istess oggetti fid-dar il-Wardija qabel ma kienu nsterqu*”. Sottolinejar tal-Qorti.

“Illi ghalhekk jirrizulta mill-provi li dawn l-oggetti u li taghhom gew esebiti r-ritratti a fol. 16,17 u 18 tal-process odjern kienu jinsabu fil-pussess effettiv u taht il-kustodja ta’ dan il-konvenut Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

“Illi ghar-rigward tal-eccezzjonijet imqanqla mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, din il-Qorti thoss li l-eccezzjonijiet tieghu huma fondati u ghalhekk ghandhom jintlaqaw. Di fatti huwa rikonoxxut mill-istess atturi illi l-oggetti kollha li gew elevati mill-pulizija, mir-residenza tal-konjugi Vella, kif diga inghad, kienu gew depositati taht l-Awtorita tal-Qorti u allura dawn l-oggetti ma ghadhomx fil-pussess tieghu. Ghalhekk ma huwiex il-kaz li l-Qorti toqghod tidhol fl-eccezzjonijiet l-ohra u dan il-konvenut qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“Illi minn dan kollu jirrizulta li fl-ewwel lok t-talba attrici ma tistax tigi milqugha fir-rigward ta’ l-oggett li jidher fir-ritratt immarkat bhala DG 85 u cioe arlogg tal-hajt kwadru u dan stante li dan l-oggett diga kien hemm gudizzju dwaru permezz ta sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-26 ta’ Jannar, 2001 kif konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fis-16 ta’ April, 2004 u konsegwentement tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Vella hlief ghall oggett li jidher fir-ritratt immarkat bhala DG 85 u cioe arlogg tal-hajt kwadru ghar-ragunijiet hawn decizi.

“Illi l-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju ghar-rigward tat-talbiet kollha u konsegwentement tilqa l-ewwel eccezzjoni tieghu u ma hemmx bzonn li tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija nvista tal-fatt li huwa gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“Illi tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Vella ghar-ragunijiet fuq esposti u wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u dan in vista tal-korrezzjoni li saret fid-9 ta’ Awissu, 2007 u tichad it-tieni

u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghar-ragunijiet fuq esposti;

"Tilqa in parte l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara li l-oggetti indikati fir-ritratti esebiti mar-rikors mahluf u cioe' DG24 – vazun (medicine jar) tal-Majolica; DG34 – mensola tal-fajjenza blub l-abjad; DG35 – arlogg tal-fajjenza blub l-abjad li joqghod fuq il-mensola msemmija; DG38 – vazun (medicine jar) tal-Majolica; DG44 – arlogg forma ta' arpa tal-kewba u bronz dorat; DG61 – arlogg ornamentali tal-hajt; DG211 – flixkun tal-Majolica abjad bin-numru I131 pingut fuqhu bil-blu; DG364 – arlogg bil-mensola – kewba u bronz jappartjenu lill-atturi. Tichad it-tieni talba fil-konfront tal-konvenuti konjugi Vella, izda tilqaha fil-konfront tal-konvenut Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u tordnalu sabiex jikkonsenja lill-atturi l-oggetti indikati fir-ritratti u fuq indikati bhala proprjeta' tal-atturi.

"**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tiddikjara li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Francis Vella et u tichad it-tieni eccezzjoni tal-istess fis-sens hawn deciz b'dan li tiddikjara fil-kuntest hawn deciz li mhux qed tilqa' l-eccezzjoni ta' *res judicata* hlief ghall-oggett li jidher fir-ritratt immarkat bhala DG 85, u cioe` arlogg tal-hajt kwadru ghar-ragunijiet hawn decizi, liema oggett kien hemm gja decizjoni fuqu fis-sentenza citata deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Maurice Meli Bugeja proprio et nomine vs Francis Vella et"** deciza fis-26 ta' Jannar 2001 kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' April 2004, u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut ir-Registratur tal-Qorti b'dan illi **tilqa' t-talbiet attrici limitatament ghal kif hawn deciz b'dan li:-**

"1. Tiddikjara li l-oggetti mobbli ndikati fir-ritratti esebiti mar-rikors mahluf u cioe' DG24 – vazun (*medicine jar*) tal-Majolica; DG34 – mensola tal-fajjenza blu bl-abjad; DG35 – arlogg tal-fajjenza blu bl-abjad li joqghod fuq il-mensola msemmija; DG38 – vazun (*medicine jar*) tal-Majolica; DG44 – arlogg forma ta' arpa tal-kewba u bronz dorat; DG61 – arlogg ornamentali tal-hajt; DG211 – flixkun tal-Majolica abjad bin-numru I131 pingut fuqu bil-blu; DG364 – arlogg bil-mensola – kewba u bronz jappartjenu lill-atturi.

"2. Tordna lill-konvenut Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jikkonsenja lill-atturi l-oggetti indikati fir-ritratti mmarkati bhala DG 24, DG 34, DG 35, DG 38, DG 44, DG61, DG211 u DG 364 annessi mar-rikors mahluf odjern.

"Illi *stante* n-natura tal-kaz l-atturi ghandhom ibatu l-ispejjez kollha fil-konfront tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, u ghar-rigward tal-ispejjez l-ohra kollha, in vista tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha."

**Rikors tal-appell tal-konvenut Francis Vella (10.05.2012)**

**2.** Il-konvenut appellant Francis Vella ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

**3.** L-aggravju tiegħu jikkonsisti f'dan li ġej:

i) Huwa jsostni li l-prova li l-oggetti kienu oriġinarjament tal-atturi u li huwa ma kienx akkwista l-oġġetti in *buona fede* kienet tispetta lill-atturi u din il-prova ma tirriżulta minn imkien ħlief li l-atturi jagħmlu riferenza għar-ritratti li kellhom "*pero` ħaġa tal-għaġeb kienet illi f'din il-kawża qed jgħidu li kienu tħawwdu fil-lista tal-affarijiet u diġa kienu għamlu claim ta' oġġetti li l-Qorti tal-Appell qalet illi ma kinux jappartjenu lilhom iżda lill-familja Ellis*."

ii) Jissolleva anki f'dan l-istadu il-preskrizzjoni tal-azzjoni, senjatament il-preskrizzjoni ta' sentejn abbażi tal-Artikolu 2155(1) tal-Kodiċi Ċivili li jgħid illi l-azzjoni biex wieħed jieħu lura mingħand terza persuna l-ħaġa mobbli mitlufa jew misruqa, meta hemm jedd għal din l-azzjoni taħt l-Artikolu 559, taqa' bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn, jekk it-terz ikun irċieva l-ħaġa in *buona fede*.

iii) Il-konvenut appellant finalment jirrileva wkoll li fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ċitata mill-atturi, kif ukoll ta' sentenzi oħrajn, huwa għamel kawża kostituzzjonali b'riżultat favorevoli għalih, pero` l-istess kawża tinsab quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u d-deċiżjoni tagħha jista' jkollha "bearing" fuq dan il-każ;

**<u>Risposta tal-appell tal-atturi appellati Maurice Meli Bugeja u Gladys Sant Fournier</u>**

**4.** L-atturi appellati jsostnu li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma u jweiġbu għall-aggravju tal-konvenut appellant kif ġej:

(i) Jispjegaw illi għalkemm huwa minnu li fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Sup. Daniel Gatt) v. Francis Vella** l-istess appellant kien ġie liberat fl-appell kriminali 264/92 deċiż fit-30 ta' Ottubru 2001, f'kull proċedura ċivili li ġiet istitwita kontra tiegħu, din dejjem ġiet deċiża kontrih, u dejjem ġie deċiż li l-oġġetti mertu tal-istess proċeduri kienu proprjeta` tal-atturi u mhux tiegħu. F'dan ir-rigward huma jirreferu għall-proċeduri **Maurice Meli Bugeja et v. Francis Vella et** (480/97AJM) u **Ian Ellis et v. Francis Vella et** (730/94AJM). Jirreferu wkoll għall-proċeduri istitwiti fl-ismijiet **Barunessa Maria Testaferrata Bonici et v. Francis Vella** u l-atti tas-sekwestru numru 1702/92 li spiċċaw fil-bejgħ bis-subasta tar-residenza tal-appellant (Casolani House, F Tortell

Street, Paola).

(ii) Jaċċennaw għall-fatt li fl-ebda waħda mill-kawżi imsemmija, u ċertament lanqas fil-preżenti proċeduri, ma rnexxielu l-appellant jipprova li l-oġġetti mobbli (jew uħud minnhom) kienu proprjeta` tiegħu. Iżidu jgħidu li lanqas ma rnexxielu jdaħħal xi tip ta' dubju li l-oġġetti ma kinux tagħhom: isostnu li saret l-aħjar prova da parti tagħhom li l-oġġetti fil-fatt kienu jappartjenu lilhom u dana anke permezz tar-ritratti li ġew esebiti minnhom u li kienu meħudin minnhom qabel ma ttieħdu minn ġo darhom. Jgħidu wkoll li huwa aktar minn ovvju li l-konvenut ma kienx in *buona fede* vis-à-vis l-oġġetti in kwistjoni u ma ġab l-ebda prova f'dan ir-rigward.

(iii) Dwar il-"preskrizzjoni tal-azzjoni" imqajma mill-appellant f'dan l-istadju, huma jirrilevaw li l-oġġetti kollha (inkluż dawk mertu ta' dawn il-proċeduri) kienu ġew elevati mingħand l-istess appellant *ab initio* u ilhom depożitati għand ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali minn ftit żmien wara s-"serqiet" tal-1983. Isostnu li l-appellant mill-1983 sa llum qatt ma ġab xi tip ta' prova in sostenn tal-*buona fede* li qed jallega, anzi a *contrario sensu*, kienu dejjem huma li ġabu l-aqwa prova in sostenn tal-paternita` tal-oġġetti in kwistjoni. Jirreferu għar-rapport peritali tal-Avukat Dr Vince Galea li ġie abbraċċjat mill-ewwel Qorti fejn ġie deċiż illi "*abbażi tal-prinċipju imħaddan fil-kamp ċivili tal-bilanċ tal-*

*probablita` hija taqbel mal-atturi li dawn l-oġġetti riklamati minnhom fir-rikors promutur huma proprjeta` tagħhom u mhux tal-konvenuti konjuġi Vella….*"

(iv) Fl-aħħarnett jikkummentaw illi kwalsiasi proċeduri kostituzzjonali kif ukoll dawk quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem huma għal kollox irrilevanti għall-preżenti proċeduri stante li huma "*res inter alios acta*" fil-konfront tagħhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

*Sfond*

**5.** L-atturi appellati fetħu dawn il-proċeduri sabiex jirrivendikaw il-proprjeta` ta' disa' (9) oġġetti antiki li kienu insterqu mill-proprjeta` tagħhom fl-1983. Ir-ritratti relattivi tagħhom jinsabu esebiti bħala Dok B u Dok C[1]. L-oġġetti huma deskritti hekk:

| | |
|---|---|
| DG-24 | vażun (medicine jar) tal-Majolica |
| DG-34 | mensola tal-fajjenza blu bl-abjad[2] |
| DG-35 | arloġġ tal-fajjenza blu bl-abjad li joqgħod fuq il-mensola msemmija |

[1] Fol 17 u 18 tal-proċess.

[2] Jiġi osservat illi skont in-nota ppreżentata mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, (fol 138) l-oġġetti immarkati DG-24 u DG-34, (żewġ mirja) kienu ġew irtirati minn Maurice Bugeja fit-2 ta' Lulju 2004 – iżda jidher li kien qed jirreferi għall-items immarkati DG-24 u DG-34 skont il-lista DOK AMB - li kienet ġiet ippreżentata fis-17 ta' Novembru 2000 fil-proċeduri tal-kawża l-oħra (480/97AJM) - u **mhux dawk immarkati DG-24 u DG-34 f' dawn il-proċeduri**. Fil-fatt l-oġġetti immarkati DG-24 u DG-34 fl-atti odjerni mhumiex mirja iżda huma vażun u mensola, rispettivament.

| | |
|---|---|
| DG-38 | važun (medicine jar) tal-Majolica |
| DG-44 | arloġġ forma ta' arpa tal-kewba u bronż dorat |
| DG-61 | rloġġ ornamentali tal-ħajt |
| DG-85 | arloġġ tal-ħajt kwadru |
| DG-211 | flixkun tal-Majolica abjad bin-numru I131 pinġut bil-blu |
| DG-364 | arloġġ bil-mensola – kewba u bronż |

**6.** Anterjorment (fl-1997) l-atturi odjerni kienu diġa fetħu proċeduri simili għal dawn odjerni sabiex jirrivendikaw il-proprjeta` ta' numru ta' oġġetti antiki oħra: fl-ismijiet **Maurice Meli Bugeja pro et nomine v. Francis Vella et** (480/97AJM)[3]. F'dawk il-proċeduri kien irriżulta li ċertu konjuġi Ellis, li kienu l-atturi f'kawża oħra **Ian Ellis et v. Francis Vella et** (730/92AM)[4], kienu ukoll qed jirreklamaw numru ta' oġġetti, u inċidentalment ħamsa (5) minnhom kienu qegħdin jiġu rivendikati ukoll mill-familja Meli Bugeja (DG-7, DG-35, DG-42, DG-44 u DG-61).

**7.** Għalhekk fil-kawża 480/97AJM kien ġie deċiż mill-Prim'Awla fit-26 ta' Jannar 2001 (konfermata fl-Appell fis-16 ta' April 2004) illi fir-rigward ta' tali ħames (5) oġġetti ma kellux ikun hemm pronunzjament:

> *"….tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi huma proprjetarji tal-oġġetti kollha elenkati fil-lista annessa Dokument A, kif aħjar dettaljata fil-lista Dokument AMB preżentata fis-17 ta' Novembru 2000, ħlief għal dawk l-oġġetti indikata bħala DG-7, DG-35, DG-42, DG-44 u DG-61, dwar liema mhux sejra tippronunzja ruħha billi hemm talbiet konfliġġenti fuqhom minn terzi persuni li ma humiex f'din il-kawża, u tirriserva kull dritt spettanti lill-atturi si et quatenus fuq dawn l-oġġetti…."*

**8.** Fil-fatt fid-deċiżjoni li tat l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tlett ijiem

[3] Deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla fit-03.04.1997 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16.04.2004.
[4] Deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla fis-29.01.2001 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16.04.2004.

wara fil-kawża li saret mill-konjuġi Ellis (730/94AJM) hija wkoll irriteniet li ma setgħetx tilqa' t-talbiet tal-atturi Ellis fir-rigward ta' tali oġġetti.

*Il-kawża odjerna*

**9.** L-atturi odjerni fir-rikors ġuramentat tagħhom spjegaw illi wara li kienet inqatgħet favur tagħhom is-sentenza tal-appell fil-kawża 480/97AJM kienu marru fl-edifiċju tal-qorti biex jirtiraw l-oġġetti relattivi iżda irrealizzaw li fl-istess edifiċju tal-qorti kien hemm disa' (9) oġġetti oħra (li huma għarfuhom li kienu tagħhom) illi "*erronjament, u minħabba l-kwantita` ta' oġġetti misruqa*" ma kinux ġew indikati fil-lista u allura ma kinux reklamati fil-kawża 480/97AJM. Jgħidu li kien għalhekk li fl-20 ta' Novembru 2006 (u cioe` sentejn u nofs wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawża 480/97AJM) intavolaw din il-kawża odjerna biex jirreklamaw tali disa' oġġetti.

**10.** Pero` minkejja li l-atturi jgħidu li fetħu l-kawża odjerna fir-rigward ta' disa' (9) oġġetti li erronjament ma kinux tniżżlu fil-lista tal-kawża 480/97AJM, effettivament erba' (4) minnhom kienu diġa` irreklamawhom fil-kawża l-oħra: dawn kienu DG-85 u DG-35, DG-44 u DG-61. Il-konvenut appellant fil-fatt kien qajjem l-eċċezzjoni tar-*res judicata* u din kienet intlaqgħet mill-ewwel Qorti fir-rigward biss tal-oġġett DG-85 peress li kien irriżultalha li kienet diġa` ingħatat deċiżjoni dwar dan l-

oġġett. Fir-rigward tal-oġġetti DG-35, DG-44 u DG-61, in vista tal-fatt li dawn kienu fil-fatt tlieta (3) minn dawk il-ħames (5) oġġetti li dwarhom ma kienx hemm pronunzjament fil-kawża 480/97AJM, l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tar-*res judicata*.

*<u>Konklużjoni tal-ewwel Qorti li l-oġġetti jappartjenu lill-atturi</u>*

**11.** Apparti l-oġġett DG-85 (li dwaru irriżulta li diġa` kien hemm deċiżjoni), l-ewwel Qorti ikkonkludiet li kien ġie pruvat fuq bażi ta' probabilita` li t-tmien (8) oġġetti l-oħra jappartjenu lill-atturi appellati. Għalkemm il-konvenut xehed li l-oġġetti mertu tal-kawża kien akkwistahom legalment, u għalkemm il-familjari tiegħu qalu li kienu ilhom fid-dar tagħhom saħansitra minn qabel l-1980 (u cioe` qabel is-serqa tal-1983) l-ewwel Qorti evidentement jidher li ma qisitx tali verżjonijiet bħala verosimili, u dan wara li ikkunsidrat:

(i) ix-xiehda bl-affidavit ta' Anna Meli Bugeja fejn qalet li l-oġġetti kienu fid-dar tagħhom qabel ma nsterqu fis-serqiet tal-1983;

(ii) ir-ritratti esebiti fil-kawża l-oħra, fejn osservat li uħud mill-oġġetti msemmija fir-rikors maħluf tal-atturi kienu jidhru fir-ritratti;

(iii) il-fatt li fil-kawża l-oħra fil-fatt irriżulta li kien hemm oġġetti misjuba

għand il-konvenut li kienu proprjeta` tagħhom;

(iv) ix-xiehda tal-konvenut fejn qal li ma jafx li kien hemm xi kawżi ċivili kontra tiegħu mibdija mill-atturi Meli Bugeja, mill-familja Ellis, u mill-familja Testaferrata Bonici, meta fil-fatt erba' snin biss qabel ix-xiehda tiegħu kienu ingħataw tlett sentenzi li fihom hu kien konvenut;

(v) il-fatt li l-konvenut ma għamilx kawża kontra l-Kummissarju tal-Pulizija biex jirreklama d-danni għall-allegati riċevuti li huwa jgħid li tiliflu;

u wkoll

(vi) il-fatt li hemm tlett sentenzi li jiddikjaraw li ħafna mill-oġġetti elevati mill-pussess tal-konvenut kienu ta' nies oħra, inkluż l-atturi odjerni.

**12.** Fil-fehma ta' din il-qorti, l-ewwel Qorti għarblet sew il-provi u qieset tajjeb iċ-ċirkostanżi li wassluha għall-konklużjoni li l-oġġetti in kwistjoni jappartjenu lill-atturi appellati.

**13.** Il-konvenut fl-ewwel aggravju tiegħu jargumenta li kellu jiġi pruvat u kellu jirriżulta mis-sentenza mhux biss li l-atturi huma l-proprjetarji tal-oġġetti, iżda wkoll li l-oġġetti kien akkwisthom b'mala fede. Dan mhux korrett. Fil-fatt l-ewwel Qorti stess kienet spjegat illi permezz ta' din il-

kawża l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni li l-oġġetti huma tagħhom u mhux dikjarazzjoni ta' xi ħtija da parti tal-konvenut. Il-kwistjoni tal-bona/mala fide hi relevanti, iżda, għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u għalhekk il-kwistjoni ta' bona/mala fedi ser tiġi eżaminata fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar dik l-eċċezzjoni.

**14.** Kumment li jagħmel il-konvenut appellant fl-istess l-ewwel aggravju tar-rikors tal-appell tiegħu hu li kienet "*ħaġa tal-għaġeb illi f'din il-kawża qed jgħidu illi kienu tħawdu fil-lista tal-affarijiet u diġa` kienu għamlu claim ta' oġġetti illi l-Qorti tal-Appell qalet illi ma kinux jappartjenu lilhom iżda lill-familja Ellis*". Għalkemm ma tantx jispjega ruħu sew f'dan ir-rigward, jidher li kien qed jirreferi għall-kawża l-oħra (480/97AJM) fejn l-istess familja Meli Bugeja, bħal f'din il-kawża odjerna, kienet qed tirrivendika l-proprjeta` ta' numru ta' oġġetti oħra, fosthom ħames oġġetti immarkati DG-7, DG-35, DG-42, DG-44 u DG-61[5] (li tlieta (3) minnhom DG-35, DG-44 u DG-61 huma pretiżi mill-atturi odjerni ukoll f'din il-kawża odjerna).

**15.** Fir-rigward ta' dawn it-tlett (3) oġġetti DG-35, DG-44 u DG-61, in vista tas-suespost, din il-qorti tirrimarka li ma kien xejn preċiż il-konvenut appellant meta fir-rikors tal-appell tiegħu jilmenta li l-"Qorti tal-Appell" kienet ddikjarat li kien hemm oġġetti li jappartjenu lill-konjuġi

[5] Ara Dok AMB – ippreżentat mill-atturi Meli Bugeja fl-atti tal-kawża l-oħra (fol 134-135).

Ellis u mhux lil-familja Meli Bugeja. Kif ġie spjegat, il-Qorti tal-Appell fil-kawża 480/97AJM ma qalitx li dawn l-oġġetti kienu ta' Ellis, iżda sempliċiment ikkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti meta għażlet li ma tippronunzjax ruħha fir-rigward tagħhom in vista tal-fatt li kienu simultanjament pretiżi wkoll minn Ellis f'kawża oħra.

*Il-bona fidi/mala fidi tal-konvenut fir-rigward tal-oġġetti proprjeta` tal-atturi li kienu instabu għandu (sabiex jiġi stabbilit jekk l-azzjoni hix preskritta)*

**16.** Il-konvenut Vella f'dan l-istadju tal-appell, (fit-tieni aggravju tiegħu) qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Huwa jsostni li ma ġiex pruvat li l-oġġetti li kienu instabu għandu kien akkwisthom b'serq jew b'riċettazzjoni u li għalhekk l-element tal-mala fidi huwa mankanti u konsegwentement huwa applikabbli l-Artikolu 2155 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li l-azzjoni biex wieħed jieħu lura mingħand terża persuna l-ħaġa mobbli mitlufa jew misruqa, meta hemm jedd għaliha taħt l-Artikolu 559 taqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn jekk it-terz ikun irċeviha b'bona fidi.[6] Jaċċenna wkoll għall-fatt li fil-proċeduri kriminali kien ġie liberat

[6] **Artikolu 2155:**

**(1)** *L-azzjoni biex wieħed jieħu lura mingħand terza persuna l-ħaġa mobbli mitlufa jew misruqa, meta hemm jedd għal din l-azzjoni taħt l-artikolu 559, taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn, jekk it-terz ikun irċieva l-ħaġa b'bona fidi.*

**(2)** *Jekk ikun irċeviha b'mala fidi, igħoddu d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-aħħar artikolu qabel dan.**

***Artikolu 2154:**

mill-akkużi. (Kien instab ħati fil-proċeduri kriminali tal-prim istanza, imbagħad illiberat fl-appell kriminali 264/92, deċiż fit-30 ta' Ottubru 2001).

**17.** Huwa risaput pero` li l-grad tal-prova meħtieġ fil-kamp ċivili huwa inqas rigoruż minn dak rikjest fil-kamp kriminali:

> "*Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dana a differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġjonevoli.*"[7]

**18.** Fix-xiehda tiegħu[8] il-konvenut appellant jgħid li l-oġġetti DG-24, DG-34, DG-35, DG-38, DG-44 u DG-211 kien xtrahom mingħand l-aħwa Casolani, li illum huma mejta. Fir-rigward tal-arloġġi DG-61 u DG-364 jgħid li "*ma nafx għax għandi ħafna arloġġi*". Għalkemm jgħid li xtara bir-riċevuti jgħid ukoll li dawn kienu tilfuhomlu l-pulizija: "*Kont xtrajthom bl-irċevuti u dawn l-irċevuti tilfuhomli l-pulizija*". F'xiehda sussegwenti[9] jispjega li waqt it-tfittxija li kienu għamlu l-pulizija kienu ħadu kaxxi kbar mimlijin dokumenti, inkluż riċevuti. Ikompli jgħid li dawn id-dokumenti

---

> **(1)** *Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.*
>
> **(2)** *Iżda, kull min jisraq ħaġa, jew isir pussessur tagħha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jirċievi jew jixtri dik il-ħaġa, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, igħaddi kemm igħaddi żmien.*

[7] **Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino**, App 25/02/1952; **Paul Vassallo v. Carmelo Pace**, App 05/03/1986.

[8] Xiehda tal-konvenut Francis Vella, tat-12.03.2008 – fol 113-114.

[9] Xiehda tal-konvenut Francis Vella, tat-30.04.2009 – fol 115-116.

ma nstabux u ma ġewx esebiti fil-proċess.

**19.** Għalhekk, jew għax mingħand min allegatament xtara l-oġġetti huma llum mejta, jew għax intilfu r-riċevuti, jew għax ma jiftakarx, il-konvenut appellant baqa' ma ippruvax kif l-oġġetti in kwistjoni ġew akkwistati minnu.

**20.** Rilevanti ukoll fir-rigward tal-ġenwinita` o meno tal-konvenut huma l-osservazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti stess fil-konfront tiegħu: • il-fatt li ma ħa l-ebda azzjoni fir-rigward tal-allegati riċevuti allegatament mitlufa mill-pulizija, • ix-xiehda xejn attendibbli tiegħu anke fir-rigward ta' fatt verifikabbli (u cioe` li ma kienx jaf li kellu kawżi ċivili kontrih, meta fil-fatt kien hemm) u • l-fatt li hemm sentenzi oħra li jiddikjaraw li ħafna mill-oġġetti li nstabu għand il-konvenut kienu ta' terzi persuni. Il-fatt li instabu tant oġġetti reklamati minn persuni oħra fil-pussess tal-konvenut ċertament li jitfa' d-dubju fuq il-leġittimita` tal-provenjenza tagħhom.

**21.** Din il-qorti jidhrilha li għandha wkoll taċċenna għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża l-oħra (480/97AJM) fejn intqal hekk:

> *"Jirriżulta wkoll b'mod mill-iżjed lampanti li f'dan 'in-negozju' il-konvenut xejn ma kien joqgħod lura milli jagħmel 'akkwisti' bi provenjenza dubbjuża u suspettuża jekk mhux adirittura illeċita."*

**22.** Ikkonsidrati dawn iċ-ċirkostanzi kollha flimkien, din il-qorti tikkonkludi li fuq il-bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet l-appellat irċieva

b'mala fidi l-oġġetti in kwistjoni u għalhekk ma jistax jippreskrivi a favur tiegħu l-istess oġġetti.

*Il-każ quddiem il-Qorti Ewropea fi Strasburgu*

**23.** Finalment, fir-rigward tat-tielet aggravju tal-konvenut appellant fejn jgħid li għandu każ quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, ma rriżultatx ir-relevanza tal-istess proċeduri u fi jiġi rilevat li l-każ in kwistjoni jidher li ġie deċiż minn dik il-Qorti kontra l-istess konvenut appellant[10].

*Decide:*

Għal dawn il-motivi tiċħad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df

[10] **Vella v. Malta**, QDDB, 11/2/2014.